

31992R3336

20.11.1992

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 336/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 3336/92**tas-16 ta' Novembru 1992****li jemenda Regolament (KEE) Nru 234/68 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq tas-siġar ħajjin u pjanti oħra, basal, għeruq u affarijiet simili, fjuri maqtugħa u weraq ornamentali**

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Wara li kkunsidra it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42 u 43 tagħha,

Wara li kkunsidra il-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Artikolu 1

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Billi r-Regolament (KEE) Nru 234/68 ⁽³⁾ jeskludi, mill-organizzazzjoni komuni tas-suq fis-siġar ħajjin u pjanti oħra, basal, għeruq u affarijiet simili, fjuri maqtugħa u weraq ornamentali, pjanti taċ-ċikwejra u għeruq li jidħlu taħt il-kodiċi CN 0601 20 10; billi l-esperjenza wriet li l-karatteristiċi kummerċjali ta' dawn il-prodotti huma simili ħafna għal dawk ta' prodotti f'sotto-paragrafi oħra tal-Kapitolu 6 tan-nomenklatura kombinata; billi, għalhekk, għandhom jiġu inklużi fl-organizzazzjoni komuni imsemmija b'effett mill-1 ta' Jannar 1993,

Fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 234/68, il-frażi "esklużi l-pjanti taċ-ċikwejra u għeruq ta' l-istess, sotto-titolu 0601 20 10" hija hawnhekk imħassra.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1993.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-16 ta' Novembru 1992.

Għall-Kunsill

J. GUMMER

Il-President

⁽¹⁾ ĠU Ċ 166, 3.7.1992, p. 16

⁽²⁾ Opinjoni mogħtija fit-30 ta' Ottubru 1992 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽³⁾ ĠU L 55, 2.3.1968, p. 1, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 3991/87 (ĠU L 377, tal-31.12.1987, p. 19).